**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 310 / 2017**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Nazzareno Zarb**

Illum, 29 ta' Ottubru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Nazzareno Zarb, detenur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 375571M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-17 ta' Marzu 2017 u fix-xhur ta' qabel kif ukoll fi żminijiet differenti f' Birzebbugia:

1) Ikkaġuna biza li ser juża vjolenza kontra Amanda Etraplsi, Kylie Etraplsi, Ementon Galea u Renson Zarb jew kontra l-propjeta tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti ta' l-imsemmija persuna, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1);
2) Ġab ruħu b' mod li kien jaf jew missu kien jaf li ser jagħti fastidju lil Amanda Etraplsi;
3) Insulenta jew hedded lil Amanda Etraplsi jew jekk kien pprovokat, inġurja b' mod li ħareġ mill-limitu tal-provokazzjoni;
4) Wettaq delitt fil-presenza tal-minuri.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna ta' Amanda Etraplsi jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku skond il-provedimenti tal-Artikolu 383 u 412C tal-Kap. 9 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Ġunju 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 251A(l)(b), 251B(l), 251H(d), 339(1)(e), 383 u 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imsemmi mputat ħati tar-raba' akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni w għalhekk illiberatu minnha, filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni. In vista ta' hekk, il-Qorti kkundannat lill-imputat b' ordni ta' *probation* ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ordnat ordni ta' protezzjoni favur Amanda Etraplsi għal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tat-Liġijiet ta' Malta w kif ukoll ordni ta' trattament għal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 412 D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Nazzareno Zarb, ppreżentat fil-5 ta' Lulju 2017, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx il-ħtija u tirrevokaha għall-kumplament, u hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat illi nhar l-20 ta' Settembru 2018, l-appellant issolleva l-aggravju tan-nullita' tas-sentenza appellata billi l-istess sentenza ma tindikax il-fatt jew fatti li dwarhom l-Ewwel Qorti sabet ħtija.

Rat is-sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti nhar id-29 ta' Novembru 2018 fejn l-aggravju sollevat mill-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza appellata ġie miċħud u ġie ordnat il-prosegwiment tas-smigħ tal-appell fir-rigward tal-aggravji rimanenti.

Semgħet ix-xhieda ta' Amanda Etraplsi nhar it-3 ta' Mejju 2019.

Rat li l-appellant irrinunzja għas-smigħ tax-xhud Noel Cassar u għas-smigħ tax-xhud l-ex Spettur Bernardette Valletta sabiex tikkonferma r-rapport tagħha esebit in atti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni dwar l-aggravji rimanenti.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju minnu ntentat, l-appellant jilmenta li mill-provi prodotti ma jirriżultawx l-elementi meħtieġa fil-liġi sabiex jissussisti r-reat imfassal fl-Artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali, senjatament l-element tal-biża' kkontemplat fl-istess. Huwa jisħaq li l-parte ċivile "*qatt ma qalet illi bezgħet illi se jkun hemm xi vjolenza fizika fuqha*" anzi kienet propju tisfida lis-sieħeb tagħha għal ġlied, kif hu evidenzjat minn *Facebook chat* partikolari minnu eżebit fl-atti. Jisħaq ukoll li meta l-istess parte ċivile telqet mid-dar, hija m'għamlitx hekk għax ġiet eżerċitata xi vjolenza fuqha, iżda għax kienet xebgħet mill-attitudni persistenti ta'l-appellant minn aspett sesswali. Għaldaqstant tikkontendi d-difiża li l-elementi tar-reat tal-biża' ta' vjolenza ma jirriżultawx sodisfaċentement ippruvati.

Illi f'dan l-aggravju għalhekk huwa evidenti illi dak li jrid l-appellant minn din il-Qorti huwa li tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi. Illi l-Qorti, issa fi stadju ta' revizjoni, kellha x-xorti tisma' mill-ġdid ix-xiehda tal-parti offiża, xiehda li l-appellant qed jikkontendi ukoll li lanqas hija attendibbli, sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni

tapplika r-regoli mfassla fl-Artikoli 636 *et sequitur* tal-Kodiċi Kriminali[1][2] u dana meta tiġi għall-ġudizzju aħħari tagħha.

Illi minn eżami mill-ġdid li għamlet il-Qorti tal-atti proċesswali jirriżulta illi l-uniċi provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni kienu jikkonsistu f'zewġ rapporti tal-Pulizija, dokument mhux iffirmat minn *Senior Social Worker* fi ħdan id-*Domestic Violence Unit* Colette Maskijevic, dokument li juri *chat* bejn zewġ persuni bl-ismijiet rispettivi ta' "*Reno Amanda renson*" u "*Amandareno kids*" u t-testimonjanza tal-parte ċivile Amanda Etraplsi.

Illi għalkemm il-Prosekuzzjoni tressaq xi provi dokumentali, madanakollu tonqos imbagħad milli tressaq biex jixhdu lill-awturi ta' dawn id-dokumenti u għalhekk li ssir il-konferma tal-kontenut u awtentiċita' tagħhom. Illi dwar id-dokument allegatement redatt mis-*Senior Social Worker* fi ħdan id-*Domestic Violence Unit* Colette Maskijevic, li jinsab eżebit *a folio* 10 tal-Atti Proċesswali, il-Qorti tinnota li l-istess mhuwiex iffirmat u wisq anqas awtentikat u *in oltre* l-persuna li suppost kitbitu qatt ma ttelgħet tixhed dwar l-istess. Għaldaqstant, il-kontenut ta' dan l-istess dokument qatt ma ġie kkonfermat bil-ġurament u għalhekk ma għandu ebda valur probatorju.

Illi, l-istess jingħad għad-dokument li juri *chat* bejn "*Reno Amanda renson*" u "*Amandareno kids*", li jinsab *a folio* 50 *et seq* tal-Atti Proċesswali. Illi fl-ewwel lok lanqas ma hemm indikazzjoni dwar min ippreżenta tali dokument. Mhux biss, iżda fix-xiehda tal-parti offiża, il-Prosekuzzjoni tonqos milli titlobha tikkonferma *o meno* d-dokument u/jew il-kontenut tiegħu. *Di fatti*, Etraplsi ma tagħmel ebda referenza għall-istess fix-xhieda tagħha biex b'hekk il-Qorti hija sajma mill-prova dwar l-identita' ta' l-awturi ta' dan ic-*chat*, u lejn min din kienet indirizzata.

[1]Ara fost oħrajn l-Appelli Kriminali Sede Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

[2]Ara is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Bartolo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

Illi ukoll, għalkemm quddiem l-Ewwel Qorti d-difiża ressqet il Noel Cassar, rappreżentant tal-Agenzija Caritas biex jixhed, u għalkemm jidher li xehed ukoll l-appellant, madanakollu issa fi stadju ta' revizjoni, id-difiża irrinunzjat għal produzzjoni tax-xhud Cassar, u wkoll l-appellant għażel li ma jiddeponiex, biex b'hekk l-uniċi provi rimanenti li dina l-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni meta tiġi biex tqis jekk is-sentenza ta'l-Ewwel Qorti kenitx waħda kemm legalment kif ukoll fattwalment valida, huma r-rapporti *PIRS* redatti mill-Pulizija Ezekuttiva u t-testimonjanza tal-parti offiża Amanda Etraplsi.

Illi, primarjament jiġi osservat li l-*Current Incident Report,* li jinsab eżebit *a folio* 19 *et seq* tal-Atti Proċesswali, kien ġie ppreżentat mill-Ex Spettur Bernardette Valletta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, liema xhud ma xehidtx quddiem dina l-Qorti biex tikkonferma dan ir-rapport billi kien hemm diffikulta' kbira biex din tiġi rintraċċata u tinġieb biex tixhed fil-Qorti tant illi finalment, kif jirriżulta mill-verbal datat 24 ta' Settembru 2021, "*Id-difiza qed tezenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lix-xhud l-ex Spettur Bernardette Valletta sabiex tikkonferma r-rapport tagħha li huwa a folio 19 tal-proċess*". Issa minn dan ir-rapport jirriżulta illi nhar il-31 ta' Marzu 2017, il-Pulizija rrikorrew ġewwa Dar Merħba Bik fejn ġiet mitkellma Amanda Etraplsi li stqarret magħhom li din ma kinitx l-ewwel darba li sabet rifuġju ġewwa l-istess residenza. Hija filfatt stqarret li bejn April u Settembru tas-sena 2016 kellha tidħol ġewwa dan is-*shelter* minħabba f'abbuż fiżiku eżerċitat fuqha mill-appellant. *In oltre,* l-parte ċivile kompliet tistqarr mal-Pulizija li wara dan iz-zmien, l-appellant kien beda programm ta' kura mal-*Caritas* u huma kienu reġgħu rrikonċiljaw. Madanakollu ftit taz-zmien wara, l-appellant reġa' qabad il-vizzju tad-droga u s-sitwazzjoni reġgħet eskalat, speċjalment mill-aspett sesswali, tant li l-appellant kien jagħmel frattarija sħiħa kull meta hi kienet tipprova tirrespinġi l-avvanzi sesswali tiegħu. Stqarret ukoll li l-appellant kien heddida bi kliem bħal "*jien mhux ħa mmissek b'idi, imma moħħok nifqaħulek*" filwaqt li jisfidaha sabiex ittih daqqa ta' sikkina. Ukoll, tgħid li l-appellant kien il-ħin kollu jsegwiha u jagħmlilha l-għassa, inkluż jiċċekkjalha l-kontenut tal-*mobile* u tal-*Facebook* tagħha. Ukoll stqarret li ma kinitx l-ewwel darba li kien ipprova jkeċċiha mid-dar matul il-lejl bit-tfal b'kollox,

pero' imbagħad kif kienet tkun ser titlaq, kien joħroġ sikkina u jheddidha li jekk titlaq joqtolha.

Illi l-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' lill-istess parte ċivile tixhed quddiemha nhar it-3 ta' Mejju 2019, fejn Amanda Etraplsi tgħid li fil-bidu, ir-relazzjoni tagħha mal-appellant kienet waħda feliċi, izda ftit żmien wara inqalbet għall-waħda ħazina, fejn l-istess appellant kien jikkmandaha ħafna u li hi u t-tfal kellhom jagħmlu kollox kif jgħidilhom hu. Xehdet ukoll li l-appellant kien refa' jdejh fuqha - "*jaqbadni minn għonqi, mal-ħajt, ittini hawnhekk ġo widnejja*" - u fuq it-tfal diversi drabi u li saħansitra kien hemm episodji fejn kien joħroġ sikkina fuq il-mejda quddiem it-tfal. Amanda Etraplsi stqarret li f'dawn il-mumenti kienet tibza' kemm għaliha kif ukoll għall-uliedha. Qalet ukoll li l-appellant kien jibagħtilha ħafna messaġġi, ħafna drabi dwar aċċess għat-tfal, li dejjquha tant li spiċċat ibblokjatu. Meta mistoqsija minn din il-Qorti x'wassalha biex tagħmel rapport, hija wieġbet hekk:

> "*Kien jiġri ħafna affarijiet. Għidtilhom fuq iz-zgħir, dik il-ħabta kien għad għandu xahrejn, kien jixxekjaħ u jgħajjat miegħu bħal speċi għax lanqas seta' jpejjep sigarett, jien dak il-ħin kont qed insajjar u nagħmel, joħroġ skieken fuq il-mejda u jgħidli "ħa ttiha" u ngħidlu "le ma rridx" bħal speċi kont ngħidlu "tiha inti", kien jgħidli "le għax jien naħdem b'moħħi" quddiem it-tfal jiġifieri ukoll. Keċċa anke t-tifla, dak il-ħabta kellha xi ħdax il-sena jekk mhux sejra zball, sibtha l-Għassa ta' Birzebbugia għax ħriġt infittixha u domt infittixha u mort insaqsi hemmhekk ukoll. Ħeqq swat hu, itini b'idejh quddiemhom ukoll, għajjat, storbju*".

Illi meta ġie mitkellem mill-Pulizija Ezekuttiva u mwissi sabiex ma jagħtix fastidju lis-sieħba tiegħu, l-appellant wieġeb billi tenna "*mela għidilha biex minn hemm ġew ma toħroġx*", b'referenza għal Dar Merħba Bik. Kif ingħad għalkemm l-appellant kien għazel li jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, huwa ma xehedx quddiem dina l-Qorti u għalhekk l-unika verżjoni tiegħu tal-fatti tinsab fil-*Current Incident Report* tal-Pulizija *a folio* 19 *et seq* tal-Atti Proċesswali.

Illi:

> **Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid ikun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem "lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-**

**okkazjonijiet". Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda.**[3]

**'Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:**
***"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."***

**L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk:**
***"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions... "*** **(sottolinear ta' din il-Qorti).**

**Il-kliem "*on each of those occasions*" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:**

***'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct...It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday... '***

**"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi**

---

[3]Il-Pulizija vs Raymond Coleiro deċiża fis-7 ta' Marzu 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede inferjuri) ppreseduta mill-Imħallef David Scicluna, Ref. 205/11.

**deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi.**

Illi, stabbilit dan l-insenjament ġurisprudenzjali, huwa evidenti allura illi jrid ikun hemm prova dwar rettroxena fejn l-imġieba tal-awtur tar-reat fil-konfront tal-vittma tiegħu huwa tali li l-vittma tibża' illi din l-imġieba fil-futur tista' tissarraf f'użu ta' vjolenza fuqha, fuq il-familjari jew il-proprjeta' tagħha. Mhux biss, iżda l-biza ta' vjolenza hekk kif kkontemplata fl-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali ma tirreferix unikament għal vjolenza fizika izda ukoll għal dik morali.

Illi rinfaċċjata b'dawn il-fatti probatorji, il-Qorti tistqarr illi dak li jallega l-appellant fl-aggravju minnu ntentat, allura jibqa' biss allegazzjoni u dan għaliex tqis illi Etraplsi kienet konsistenti u kredibbli fl-eżposizzjoni tagħha tal-fatti u dan fir-rigward tal-vjolenza fizika u morali li soffriet minn taħt idejn l-appellant, liema vjolenza kienet ikkaġunatilha daqstant biza' li l-affarijiet ser jiggravaw aktar, li kienet saħansitra waslet sabiex diversi drabi fittxet flimkien ma'uliedha rifuġju ġewwa Dar Merħba Bik, 'il bogħod mill-appellant. Għalhekk, din il-Qorti tqis li l-element tal-biza' ġie ppruvat sodisfaċentement u li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal sabiex issib ħtija taħt l-Artikolu 251B fil-konfront tal-appellant.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħdha tiċħad l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni gravam sottopost għal ġudizzju tal-Qorti, l-appellant jisħaq li l-Prosekuzzjoni ma ndikat bl-ebda mod liema kien/u dak il-fatt jew dawk il-fatti li permezz tagħhom huwa seta' ikkaġuna fastidju lill-parte ċivile. Jisħaq li l-fatt li tnejn

minn nies illi qegħdin f'relazzjoni bejniethom jkollom argument ma jfissirx li qed iseħħ xi forma ta' fastidju.

> **"Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali.**
>
> **... Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa..[4]**
>
> **Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn:**
> **'...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-**
> ***"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",***
> **...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-**
>
> **".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."**
>
> **Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa[5].**

Illi mill-provi prodotti u li ġew esposti aktar 'il fuq, din il-Qorti tqis li l-aġir tal-appellant fil-konfront tal-parte ċivile imur ferm *oltre* minn sempliċi battibekk bejn tnejn minn nies li qegħdin f'relazzjoni flimkien. Din il-Qorti tqis li l-aġir persistenti u ripetut tal-appellant fil-konfront tal-parte ċivile kien wieħed ***"that annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*** u li certu atteġġjament li, fil-fehma tal-appellant, huwa wieħed normali bejn

---

[4] .Il-Pulizija vs Massimo Tivisini.

[5] 8 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet "Il-Pulizija Vs Ahmad Yassine"

koppja kien jammonta fil-fatt għal kondotta mhux mixtieqa, u li toħloq pressjoni fuq il-parti offiża, kondotta intenzjonata biex tintimidaha u li tikkreja ambjent familjari ostili. Għaldaqstant tqis li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal sabiex issib ħtija taħt l-Artikolu 251A fil-konfront tal-appellant.

Illi finalment l-appellant jilmenta li ma ġiex speċifikat liema kien l-insult jew it-theddid li sar minnu fil-konfront tal-parti offiża. Jisħaq ulterjorment li l-argumenti li kien hemm bejniethom ma kienux tali li jġibu magħhom responsabbilita' penali. A skans ta' ripetizzjoni zejda, din il-Qorti zzomm ferm mal-kunsiderazzjonijiet magħmulha minnha fir-rigward tal-ewwel u t-tieni aggravji u tqis li, anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal sabiex issib ħtija.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-aħħar aggravju mressaq mill-appellant, huwa jilmenta illi ma għandu bżonn ta' ebda trattament u għalhekk kien jonqos il-ħtieġa illi l-Ewwel Qorti timponi Ordni ta' Trattament fuqu fit-termini ta'l-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali għal żmien tlett snin.

Illi l-Ewwel Qorti erogat piena alternattiva għal dik tal-priġunerija meta qiegħdet lill-appellant taħt Ordni ta' *Probation* għall-perijodu ta' tlett snin, kif ukoll ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għal żmien tlett snin ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u Ordni ta' Trattament ukoll għal tlett snin ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-Qorti tqis illi l-Ordni ta' *Probation* imposta kif ukoll l-Ordni ta' Trattament maħruġa fit-termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, hija piena alternattiva li hija legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*", u tinkwadra ruħha fil-parametri tal-Liġi. Illi l-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-fedina penali tal-appellant, li tixhed imġieba refrattarja u ta' vjolenza bl-appellant jiġi misjub ħati diversi drabi ta' reati marbuta ma' ġlied, theddid u użu ta' vjolenza. Għalhekk tqis illi

l-imposizzjoni ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront ta'l-appellant tista' isservi ta' benefiċċju għalih u ukoll sabiex jiġi evitat ir-repetizzjoni ta' offiżi simili.

Illi l-istess ma jistax jingħad għar-rigward tal-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali. Illi din il-Qorti f'diversi okkażżjonijiet saħqet illi l-Artikolu 412Ċ isib applikazzjoni biss *pendente lite*. Dan għaliex tali Ordni tista' tinħareġ biss fil-konfront ta' persuna "akkużata" u mhux ukoll kontra l-persuna misjuba "ħatja". Il-Qorti għandha s-setgħa biss illi mad-deċizjoni finali tagħha tordna il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fit-termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-Ordni maħruġa ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali ma jsibx applikazzjoni f'kaz ta' sejbien ta' ħtija. Tqis għalhekk illi fiċ-ċirkostanzi għandha tissosstitwixxi l-Ordni ta' Protezzjoni ma' Ordni ta' Trażżin fit-termini ta'l-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-parti offiża u ta' uliedha.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell interpost, tikkonferma s-sentenza appellata b'dan pero' illi minflok l-imposizzjoni ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta'l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti qed tordna il-hruġ ta' Ordni ta' Trazzin fit-termini ta'l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali taħt l-istess kondizzjonijiet u għal żmien tlett snin mil-lum.**

**Il-Qorti twissi lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa ma jobdiex l-Ordnijiet imposti fuqu, kemm dik ta' Probation, kif ukoll ta' Trattament u ta' Trażżin.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**